# Il-Ġestjoni tal-Psorjasi bi Stelara®

Istruzzjonijiet dwar l-użu

Stelara®
(ustekinumab)

Din il-gwida ġiet żviluppata sabiex tgħinek tamministra l-injezzjonijiet ta' Stelara® (ustekinumab) tiegħek permezz ta' siringa mimlija għal-lest ta' Stelara®. Hawn taħt għandek issib l-istruzzjonijiet li juruk kif għandek tipprepara biex tinjetta l-kura tiegħek bi Stelara®. Jekk jogħġbok innota li m'għandekx tipprova tinjetta Stelara® inti stess sakemm tkun ġejt muri l-mod korrett kif tamministra lilek innifsek l-injezzjonijiet mit-tabib jew l-infermier tiegħek.

Dawn l-istruzzjonijiet mhumiex maħsuba biex jieħdu post l-istruzzjonijiet dwar l-użu li ġew mas-siringa mimlija għal-lest ta' Stelara®. Meta jkun sar il-ħin sabiex tieħu l-mediċina tiegħek, jekk jogħġbok aqra sew l-Istruzzjonijiet Dwar l-Użu u l-Gwida Medika mehmuża fil-kartuna u ddiskuti kwalunkwe mistoqsija li jista' jkollok mat-tabib tiegħek.

Meta ttaqqab lilek innifsek bi Stelara®, kun konxju li jista' jkollok reazzjoni ta' sensittivita eċċessiva. **Għarraf lit-tabib tiegħek minnufih jekk tinduna xi wieħed mill-effetti kollaterali li ġejjin – għandu mnejn ikollok bżonn trattament mediku urġenti:** nefħa tal-wiċċ, xofftejn, ħalq, jew griżmejn li jagħmilha diffiċli biex tibla' jew tieħu n-nifs; raxx fuq il-ġilda, ħorriqieja; nefħa fl-idejn, is-saqajn jew għekiesi; deni; tħossok għajjien jew nifsijiet qosra; sogħla persistenti; sintomi bħal tal-influwenza; għaraq bil-lejl; dijarea; problemi fis-snien; sensazzjoni ta' ħruq meta tgħaddi l-awrina; stordament jew tħoss rasek fl-arja; ġilda sħuna, ħamra u li tweġġa'; raxx tal-ġilda bl-uġigħ bl-infafet.

Jekk jogħġbok innota li Stelara® mhux rakkomandat għat-tfal u adolexxenti li għadhom m'għalqux it-18-il sena. Attenzjoni għandha tingħata meta jiġu kkurati pazjenti li għandhom 65 sena u aktar peress li għandhom inċidenza ogħla ta' infezzjonijiet f'din il-popolazzjoni ta' pazjenti.

## 1 *Ħalli l-prodott jilħaq it-temperatura tal-kamra*




Ħu l-kartuna li fiha s-siringa mimlija għal-lest ta' Stelara® minn ġol-friġġ u ħalli s-siringa toqgħod barra l-kartuna għal 30 minuta.

Dan ser jippermetti li tilħaq it-temperatura tal-kamra. Jekk tinjetta lilek innifsek b'Stelara® kiesħa, din tkun skomda.

Iċċekkja sabiex tiżgura li l-kwantità ta' siringi u dożaġġi jkunu korretti.

***SUĠĠERIMENT: Ħu s-sirnga mimlija għal-lest minn ġol-kartuna u stenna għal 30 minuta.***

## 2 *Iċċekkja s-siringa mimlija għal-lest*




**Klipps t'attivazzjoni għat-tarka tal-labra**

Żomm is-siringa mimlija għal-lest qrib il-ġisem tiegħek bil-labra mgħottija miżmuma 'l fuq.

Kun żgur li ma tmissx il-klipps t'attivazzjoni għat-tarka tal-labra.

Iċċekkja s-siringa biex tkun żgur li ma ġralhiex ħsara u li d-data ta' skadenza ma tkunx għaddiet.

Kun żgur li l-likwidu hu ċar għal daqsxejn opalexxenti (li jkollu leqqa bħal tal-perli) u mingħajr kulur għal safrani ċar.

Tinjettax il-likwidu jekk ikun mdardar jew tilef il-kulur, jew inkella jkollu xi frak barrani fih.

***SUĠĠERIMENT: Għandek mnejn tinnota xi bużżieqa tal-arja – dan huwa normali***

## 3 *Iġbor il-provvisti għall-injezzjoni tiegħek u aħsel idejk*






Aċċerta ruħek li għandek l-affarijiet kollha marbuta mal-injezzjoni disponibbli inkluż is-siringa mimlija għal-lest ta' Stelara®, imsieħ bl-antisettiku, ballun tal-qoton jew garża u r-reċipjenti tal-ixfafar tiegħek għar-rimi tas-siringa użata.

Aħsel idejk sew bis-sapun u ilma fietel.

***SUĠĠERIMENT: Kun żgur li kollox ikun lest QABEL ma taħsel idejk u li int kapaċi toqgħod bilqiegħda bil- kumdita***

## 4 *Lesti s-sit tal-injezzjoni*







Postijiet tajba għall-injezzjoni huma l-koxxa n-naħa ta' fuq jew madwar l-istonku, imma tal-anqas 5 ċm lil hinn miż-żokkra. M'għandekx tinjetta ġo ġerħa, jekk possibbli.

Naddaf iż-żona fejn inti tinjetta b'imsieħ antisettiku. M'għandekx tmiss din iż-żona qabel ma tieħu l-injezzjoni.

***SUĠĠERIMENT: Jekk possibbli sib post lil hinn mill-ġrieħi, fejn hu komdu għalik li tagħti l-injezzjoni.***

# 5 *Neħħi l-għatu tal-labra*



Żomm is-siringa mimlija għal-lest b'id waħda u iġbed l-għatu tal-labra 'l barra. Oqgħod attent li ma tmissx l-labra jew tmiss il-planġer waqt li qed tneħħi l-għatu.

Inti għandek tinjetta Stelara® minnufih wara li tneħħi l-għatu.

***Tneħħix l-għatu tal-labra sakemm tkun lest biex tinjetta Stelara®***

***SUĠĠERIMENT: Għandek mnejn tinnota qatra fit-tarf tal-labra – dan normali.***

# 6 *Ippożizzjona s-siringa*




Żomm is-siringa mimlija għal-lest ta' Stelara® f'id waħda bejn is-saba' tan-nofs u l-werrej u qiegħed is-saba' l-kbir fuq ras tal-planġer. Kun żgur li ma tiġbidtx lura fuq il-planġer fi kwalunkwe ħin.

Żomm idejk l-oħra biex toqros daqsxejn iż-żona li tkun għadek kif naddaft.

***SUĠĠERIMENT: Oqros b'mod ġentili ż-żona tal- ġilda fejn inti ser tinjetta Stelara® u żomm sod.***

## 7 *Injetta l-prodott*




Uża mossa veloċi, bħal meta titfa' d-darts, biex iddaħħal il-labra il-ġewwa kemm tista' ġol-ġilda maqrusa.

Injetta l-mediċina kollha billi tuża s-saba' l-kbir biex timbotta 'l isfel il-planġer sakemm ras il-planġer ikun kollu kemm hu bejn il-ġwienaħ tat-tarki tal-labra. Meta l-planġer ma jistax jiġi mbottat aktar, ibqa' agħfas fuq ras il-planġer.

***SUĠĠERIMENT: Għodd sa 5 biex tiżgura li l-prodott jiġi injettat bil-mod.***

## 8 *Iġbed il-labra minn ġol- ġilda*



Iġbed il-labra 'l barra minn ġol-ġilda.

Bil-mod neħħi s-saba' l-kbir minn fuq ras il-planġer.

Dan jippermetti s-siringa timxi 'l fuq sakemm il-labra kollha tiġi koperta bit-tarka tal-labra.

***SUĠĠERIMENT: Neħħi l-labra b'attenzjoni mbagħad erħi l-ġilda tiegħek.***

## 9 *Wara l-injezzjoni*






Agħfas l-imsieħ antisettiku fuq is-sit tal-injezzjoni għal ftit sekondi wara l-injezzjoni.

Jista' jkun li jkun hemm ammont żgħir ta' demm jew likwidu fis-sit tal-injezzjoni, u dan huwa normali. Agħfas ballun tal-qoton jew garża fuq is-sit tal-injezzjoni għal madwar 10 sekondi.

M'għandekx togħrok il-ġilda tiegħek.

Poġġi s-siringa użata tiegħek fir-reċipjent tal-ixfafar tiegħek.

***SUĠĠERIMENT: Jekk meħtieġ, tista' tgħatti s-sit tal-injezzjoni bi stikk adeżiv żgħir.***

## 10 Kongratulazzjoni!

*Inti irnexxilek tieħu l-injezzjoni tiegħek*

Jekk id-doża tiegħek hi ta' 90 mg u inti rċevejt żewġ siringi ta' 45 mg, ikun meħtieġ li tagħti t-tieni injezzjoni tiegħek wara l-ewwel waħda. Dejjem agħżel post differenti għat-tieni injezzjoni.

**Kwalunkwe reazzjonijiet avversi tal-mediċina u żbalji tal-medikazzjoni għandhom jiġu rrappurtati lil:**

**Awtorità tal-Mediċini, Direttorat Post-licensing**
203, Livell 3, Rue D'Argens, Gżira GŻR 1368, MALTA
Numru tat-telefon: +356 2343 9000

jew fuq:

http://www.medicinesauthority.gov.mt/adrportal

Jew lil:

**A.M. Mangion Ltd**
Mangion Building, N/S fi Triq Valletta
Luqa LQA 6000, MALTA
Numru tat-telefon: +356 2397 6000
Email: pv@ammangion.com.mt

**Id-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq:**
Janssen-Cilag International NV, Turnhoutseweg 30, 2340 Beerse, il-Belġju.

janssen PHARMACEUTICAL COMPANIES OF Johnson & Johnson

Stelara® (ustekinumab)